# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2257

Każ Nru 2773/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Dr Victor Zammit

u

Euris Consult Ltd

Data:11 ta' Diċembru 2013

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi Inġusta*

**Chairman: Franco Masini**

### 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul fid-9 ta' April 2010 mill-Avv Philip Magri f'isem Dr Victor Zammit fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Euris Consult Limited fid-9 ta' Diċembru 2009. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata mill-Avv Nicole Vella ċaħdet dan.

Inżammu erbgħatax-il seduta. Irid jingħad illi ċ-*Chairman* odjern ġie assenjat dan il-każ wara t-tnax-il seduta meta ċ-*Chairman* oriġinali kien ta r-riżenja tiegħu. Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Is-Soċjetà Intimata tirritjeni li r-Rikorrent ma kienx qed jeżegwixxi d-doveri tiegħu ta' traduttur bl-aħjar abbiltà, bi professjonalità u b'diliġenza u ċertament mhux b'dedikazzjoni. Ir-Rikorrent jgħid li sakemm irċieva l-ittra ta' tkeċċija qatt ma kien irċieva xi twissija, ma kellu qatt ilment dwar xogħol ħażin u ma kellu qatt diskussjoni mal-prinċipal tiegħu dwar il-ħidma tiegħu. Jikkonferma li dejjem ħadem tajjeb u jiċħad dak allegat fuqu fl-ittra ta' tkeċċija.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Fit-trattazzjoni finali l-Avukat tas-Soċjetà Intimata ssollevat eċċezzjoni dwar l-età pensjonabbli tar-Rikorrent li kienet tfisser skond hi li persuna fuq l-età pensjonabbli ma kienitx protetta mil-liġi għal dik li hi tkeċċija. It-Tribunal jiċħad din l-eċċezzjoni għaliex ma ġietx sollevata kif titlob il-liġi *in limine litis*. Minkejja dan it-Tribunal jidhirlu li għandu jesprimi ruħu fuq dan il-punt. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Artikolu 36(14) para (a) tat-tieni proviso tal-Kap 452 żgur li ma japplikax għal dawk il-kuntratti tax-xogħol b'terminu definit. Dana għas-sempliċi raġuni dak li hemm miktub fil-kuntratt jirregola it-terminu u mhux l-artikolu ċitat. It-terminu imniżżel fil-kuntratt jikkostitwixxi vinkolu kontrattwali li jissupera dak li jgħid l-artikolu ċitat. Kull kuntratt jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet li jiffirmawh u peress li *pacta sunt servanda* huwa dak il-kuntratt li jkollu saħħa ta' liġi irrispettivament mill-età ta' min jiffirmah.

Qabel ma t-Tribunal għadda biex jikkunsidra t-traskrizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti voluminużi ippreżentati fil-kaz ikkunsidra l-allegazzjoni tar-Rikorrent illi qatt ma ġie affaċċjat minn proċeduri dixxiplinari u sempliċement ġie liċenzjat sommarjament. Kien jeżiżti *Office Manual* (Dok A) li huwa parti mill-kundizzjoni tax-xogħol tal-impjegati tas-soċjetà inkluz ir-Rikorrent. L-artikolu 23.3 jgħid testwalment "*Prior to taking any disciplinary action against an Employee, a disciplinary hearing shall be heard*" u jkompli jindika l-

proċedura ta' kif issir is-seduta dixxiplinarja. Dana jfisser illi trid issir proċedura dixxiplinarja jekk hemm il-ħsieb li tittieħed xi azzjoni ta' dixxiplina. Huwa evidenti li r-Rikorrent qatt ma kien soġġett għal din il-proċedura kif jitlob dan ir-regolarment. Il-fatt li r-Rikorrent qatt ma kien mitlub jidher quddiem *Disciplinary Board* skond ir-regolamenti fl-opinjoni tat-Tribunal kien nuqqas serju da parti tas-Soċjetà. Ir-Rikorrent ġie nnegat iċ-ċans li jagħti spjegazzjonijiet u jiddefendi ruħu mill-akkużi li sarulu u li servew biex jiġi liċenzjat. Irid jingħad ukoll illi fil-kuntratt tax-xogħol tar-Rikorrent (Klawsola 11) hemm provvedimenti dwar liċenzjament b'mod sommarju f'ċerti każi ta' ksur tal-obbligi li jkun daħal għalihom l-impjegat. Iżda s-Soċjetà Intimata ma invokatx dan ir-regolament biex tiġġustifika l-liċenzjament sommarju tar-Rikorrent. Dana ifisser li r-raġuni għal-liċenzjament ma kienx jimmerita fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal il-mod sommarju li bih sar.

It-Tribunal imbagħad għadda biex jikkonsidra l-akkużi li ġiet addebitat bihom ir-Rikorrent. Dawn jistgħu bażikament jinkludu l-fatt li  ma jirrispettax l-ħin ta' dħul u ħruġ, ma joqgħodx għad-*deadlines*, żbalji fit-traduzzjonijiet u żbalji fejn hemm fin-nofs il-*formatting*. Għal dak li hu puntwalità ma jidhirx li kien hemm nuqqas regolari jew li r-Rikorrent kien xi *serial latecomer*. Il-ftit drabi li ma żammx mal-ħin ma jistgħux jitqiesu li kienu xi nuqqasijiet serji. Għal dik fejn jingħad li naqas li jagħmel *formatting* ukoll ma jidhirx li kienu xi okkażjonijiet hekk serji li jikkontribwixxu għal-liċenzjament tiegħu. Għal dak li huwa ma żammx mad-*deadlines* hemm l-ispjegazzjoni tar-Rikorrent illi ried jgħaddi flimkien it-traduzzjonijiet sabiex ikun żgur li hemm kompatibilità fit-traduzzjoni bejn biċċa xogħol u oħra. Il-każ tat-tradużżjoni riprodotta fid-Dokument VB5 huwa serju ħafna għaliex si tratta ta' traduzzjoni allegatament ħażina. Ir-Rikorrent jirritjeni li dan id-dokument kien tradott minn ħamsa min-nies u huwa kien responsabbli biss għall-ewwel parti li kienet il-parti t-tajba. Il-ħafna żbalji li kien hemm kienu fuq il-partijiet l-oħra tat-traduzzjoni li ma kienx responsabbli għalihom hu. Dana kollu kien ikun spjegat tajjeb kieku r-Rikorrent kien soġġett għal proċedura dixxiplinarja kif jesiġi l-*Office Manual*. It-Tribunal huwa tal-fehma illi r-Rikorrent mhuwiex għal kollox nieqes minn difetti. Jidher li l-problema prinċipali tiegħu kienet li ma kienx jirrikonoxxi d-dritt tas-superjur immedjat tiegħu Vanessa Bonnici li teżerċita l-awtorità maniġerjali tagħha għar-rigward tiegħu. Kien speċi jippretendi li jkollu aċċess dirett mad-direttur Jeremy Debono u b'hekk jaqbeż lil Bonnici. Oltre dan kellu nuqqasijiet oħra. Iżda fl-opinjoni tat-Tribunal dan kollu ma kienx jimmerita s-sanzjoni estrema tat-tkeċċija u *molto meno* l-proċedura ta' liċenzjament sommarju.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali isib li r-Rikorrent Dr Victor Zammit ġie liċenzjat minn mas-Soċjetà Intimata Euris Consult Ltd għal raġuni li la hi ġusta u lanqas suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 36 (11) tal-Kap 452 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent mis-Soċjetà Intimata fl-ammont ta' €7900 li jrid jitħallas sa żmien xahar mil-lum.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**